MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru 449/2000

Il-Pulizija

(Spt. Paul Vassallo)

vs

Carmel Azzopardi

**Illum 30 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Azzopardi bin Carmel u Ganna nee Zammit, ID 36349G ta' "Azzopardi", Triq Hamet, Xaghra, Ghawdex:

Talli f'dawn l-ahhar snin u qabel il-25 ta' Mejju 1999 ghamilt zvilupp jew hallejt li jsir zvilupp fuq art li taghha inti responsabbli, minghajr il-permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghal dan l-izvilupp konsistenti fi ftuh ta' barriera u

qtiegh ta’ gebel tal-franka fl-inhawi ta’ Fuq il-Bniet, limiti ta’ San Lawrenz, Ghawdex, kif ukoll ksur ta’ l-ippjanar konsistenti billi ghandek estensjoni tal-barriera minghajr il-permess mehtieg;

Barra minn hekk akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet inqast li tobdi ordni tal-avviz biex tieqaf (Nru. ECF 459/98/ENMU/NENF) datat 9 t’April, 1998 sabiex twaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u tregga lura s-sit ghall-istat originali;

Barra minn hekk inqast li tobdu l-ordnijiet legittimi ta’ l-Awtorita’ Kompetenti.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara illi f’April tal-1998 kien hareg ordni ta’ twaqqif u twettiq mill-Awtorita’ tal-Ippjanar senjataemnt sabiex l-imputat jieqaf milli jkompli jqatta gebla minn parti ta’ barriera tieghu li ma kienitx inkluza fil-licenzja ghall-gestjoni tal-istess barriera;

Lura fis-sena 2002 (seduta tal-24 t’April, 2002) xehedu Mark Cini, Carl Scerri u Franco Pisani. Il-Qorti hadet notamenti tad-deposizzjoni taghhom. Mark Cini kien xehed wara li saru spezzjonijiet fil-barriera *de quo* kien inhareg *enforcement notice* (fol 16) sabiex jieqaf it-tqattiegh fl-area mmarkata bil-blu fil-pjanta minnu esebita (fol 18) u dan peress illi dik l-area ma kienitx koperta bil-permessi mehtiega. Wara ftit, l-istess imputat kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorita’ tal-Ippjanar sabiex jissana dan l-izvilupp. Carl Scerri xehed illi kien akkumpanja lil Mark Cini fid-diversi spezzjonijiet li kienu saru fil-barriera u minkejja l-hrug tal-*enforcement notice*, kien innutat tqattiegh fl-area bla permess u dan baqa’ sejjer sa Novembru tal-2002. Xehed ukoll Franco Pisani li

kien ra impjegati tal-imputat jaqtghu il-kantun mill-barriera. Dan ikkonferma ukoll illi l-applikazzjoni tal-imputat kien qed tkun processata. Tenut li l-imputat kien applika sabiex jottjeni permess ghal din l-estensjoni tal-barriera, l-Qorti stenniet, anke jekk ghal zmien konsiderevoli, sabiex taghti opportunita lill-imputat li jissana din l-infrazzjoni. Issa li dan il-permess ghadu mhux approvat il-Qorti ser tghaddi biex tiddetermina din il-kawza;

L-istess xhieda Mark Cini u Franco Pisani regghu xehdu fil-kors tal-kawza u minn dan li semghet il-Qorti, dawn ix-xhieda baqghu konsistenti mal-ewwel deposizzjoni taghhom. Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll kopja tal-permess tal-barriera Dok LB1 a fol 104 u applikazzjoni maghmula mill-imputat fis-sena 1988 sabiex il-permess tal-barriera jkun aggirat ghal fuq ismu;

Minn ezami ta’ dan kollu jemergi illi l-imputat huwa l-persuna licenzjata sabiex jiggestixxi l-barriera mertu tal-kawza. Meta lura fis-sena 1998 l-awtoritajiet innutaw illi qed isir tqattiegh ta’ gebel minn parti li ma kienitx kompriza fil-permess, l-imputat kien formalment notifikat u mitlub biex jieqaf izda x-xoghol baqa’ ghaddej ciononostante;

Illi l-imputat jinnega dan kollu u ressaq skuzanti ghal certi fatti pruvati mill-prosekuzzjoni. Huwa jghid illi meta missieru kien aggira l-permess tal-barriera ghal fuq ismu, dan sar sabiex missieru ikun jista’ jippercepixxi l-pensjoni u minkejja dan, xoghlu kien biss li jsuq it-trakk u missieru xorta wahda kien jiehu hsieb il-barriera. Missier l-imputat miet fis-sena 2009 skond kif xehed l-imputat fit-28 ta’ Marzu 2012 (fol 109) u minn hemm ‘l quddiem mart l-imputat bdiet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-barriera u l-kumplament kien kollox f’idejn it-tfal tieghu b’mod illi issa kien impjegat tat-tfal;

L-imputat jghid ukoll illi kien obda l-ordnijiet tal-Awtorita’ tant illi kellu jittermina l-impjieg ta’ certu John Cassar ghaliex ma kellux xoghol ghalih. Elenku ta’ persuni li kellhom l-impjieg taghhom terminat mill-1975 sal-2011, esebit in atti juri li l-impjieg ta’ John Cassar kien terminat

f'Novembru tal-1998. Dan il-persuna xehed quddiem din il-Qorti u qal li l-impjieg tieghu kien terminat ghaliex ma kienx hemm xohgol ghalih wara li l-imputat kien twaqqaf mill-MEPA. Jghid ukoll li kien missier l-imputat li kien ingaggah biex jahdem fil-barriera, pero' jghid ukoll illi wara li missieru kien ghallmu x-xoghol, jigifieri missier l-imputat, dan ma baqax jahdem fil-barrieria u l-aktar li kienu jiehdu hsieb kienu t-tfal tal-imputat. Mistoqsi jekk allura l-imputat kellux aktar x'jaqsam fil-barriera, dan ix-xhud jikkonferma illi l-imputat kien ukoll jiehu hsieb ix-xoghol u kien iqabbdu jaghmel dak li hemm bzonn. Dan kollu hu sintetizzat fis-segwenti twegiba ta' John Cassar a fol 123 meta mistoqsu mill-Qorti jekk l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn fil-barriera: "U mela ma kellux. Kellu" .. "Kien, kien jiehu hsieb ukoll. Mhux ma kienx jiehu hsieb; kien jiehu hsieb. Imbaghad meta lahqu t-tfal tieghu, huma kien jiehdu hsieb";

L-imptuat ukoll esebixxa kopja ta' ittra mibghuta mill-perit arkitett tieghu lill-Awtorita' tal-Ippjanar li permezz taghha itenni li hemm zball fid-delineament tal-barriera. Din l-ittra inkitbet fl-10 ta' Gunju 2011 pero' ma jidhirx li kienet b'xi mod skambjata xi korrispondenza oltre din u l-iskop ta' din l-ittra m'hu xejn car ghaliex id-delinazzjoni tal-barriera fil-passat kien sar bi pjanta maghmula minn perit arkitett differenti dejjem fuq inkarigu tas-sid tal-barriera;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan kollu ma jistghax jitqies bhala sufficjenti sabiex jinnewtralizza l-prova mressqa mill-prosekuzzjoni. Mhux biss, izda ukoll ma jaghmel ebda sens la darba kien l-istess imputat li appena notifikat b'avviz ta' twettiq (fol 71) rregistra applikazzjoni f'ismu ghall-Full Development Permission mal-MEPA "*TO SANCTION EXTENSION OF EXISTING SOFT STONE QUARRY* ";

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni pruvat l-akkuzi fil-grad rikjest mil-ligi u konsegwentement qed issib lill-imputat hati tal-istess akkuzi;

Wara li rat l-artikoli 56 (1) (a), (c) u (d) tal-Att 1 tal-1992 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-rejat u 338 (ee) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt elf euro (€100,000.00). Inoltre tordnalu inehhi l-kawza tar-reat u li jregga lura kull haga li saret minghajr permess billi jerga jimla dik il-parti tal-barriera u dan skond kif ikun appozitament dirett mill-MEPA bil-permessi skond il-ligi u dan fi zmien tlett (3) xhur mil-lum fuq penali ta' sittin (€60) Euro ghal kull jum ta' nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------